**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Audrey Micallef]**

**vs**

**Ramon Attard**

**Kumpilazzjoni Numru: 6/21**

**Illum, 24 ta' Mejju, 2021**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Ramon Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 0018597M akkuzat talli nhar it-03 ta' Jannar 2021 u fil-granet, u fix-xhur ta' qabel f'diversi hinijiet u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda

1. ikkaguna lis-siehba tieghu u cioe' **Marilyn Gatt** biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew

kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xihadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha

U iktar talli nhar it-**03 ta' Jannar 2021** f'diversi hinijiet fl-istess gurnata u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

2. Gab ruhu b'tali mod li ta fastidju lil **Marilyn Gatt** li tigi s-siehba tieghu, u dan b'mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak li ghamel kien ta' fastidju ghaliha

3. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jgieghel lil Marilyn Gatt, taghmel xi haga jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih

U iktar talli nhar it-**03 ta' Jannar 2021** gewwa **Tagliaferro Mansions, Flat 1, Triq Principessa Margaritha, Ta' Xbiex.**

4. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Marilyn Gatt f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem

jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq is-siehba tieghu l-istess **Marilyn Gatt**, hekk kif icertifikaha Dr. Nicholas Fava (Med Reg 6214) mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana.

5. Hebb ghas-siehba tieghu **Marilyn Gatt** sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara b'xi mod

6 Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lis-siehba tieghu **Marilyn Gatt**

7. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni

U iktar talli nhar it-**03 ta' Jannar 2021** bejn il-5PM u s-6PM gewwa l-**Sptar Mater Dei**

8. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe' **WPS 242 Rodene Ghirxi, PC516 John Pizzuto u PC1418 Jeremy Sammut** jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed

jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-Ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l indhil ma jaqgha' taht l-ebda dispozizzjonijiet ohra tal-Ligi

9. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra **PC1418 Jeremy Sammut**, persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' Ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti

10. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmijja band'ohra fil-kodici kriminali

11. Volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra **Ramon Attard** a beneficju ta' **Marilyn Gatt** u

l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta

Il-Qorti giet mitluba f'kaz ta htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' **Marilyn Gatt** u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil **Ramon Attard** b'obbligazzjoni tieghu innifisu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi **Ramon Attard** sabiex ihallass l-spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fil-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation;

Filwaqt li taqbel mar-rakkomandazzjonijiet hemm kontenuti u wara li rat l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu u wara li rat l-Artikoli citati fl-akkuza u cioe' Art. 251B, 251H(a)(b), 251HA,

202(h)(vi), 251A(1)(a)(b), 222(1), 202(h)(vi) tal-Kap. 9, 49(a)(b)(c) tal-Kap. 399, 214, 221(1), 222(a), 202(h)(vi), 339(1)(d), 339(1)(e), 339(1)(h), 95, 96, 338(dd) u 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat Ramon Attard hati tal-akkuzi kollha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal hmistax-il xahar (15) prigunerija sospizi ghal sentejn (2) flimkien ma' multa ta' erbat elef ewro (€4000).

Il-Qorti tordna wkoll li tinhareg Ordni taht l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tnax (12)-il xahar, liema ordni hija annessa ma' din is-sentenza u ghandha tifforma parti ntegrali minnha.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**